

Brussell, 17 ta' Ġunju 2019
(OR. en)

10315/1/19
REV 1

SOC 460
EMPL 349

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.: Suġġett:	10087/19 REV 1 DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Bord tat-Tmexxija tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal- Ħajja u tax-Xogħol għal Franza u l-Ungerija

1. Skont l-Artikolu 4(1) subparagrafu 3 u l-Artikolu 4(5) tar-Regolament (UE) 2019/127, il-membri u l-membri supplenti tal-Bord tat-Tmexxija li jirrappreżentaw lill-gvernijiet, l-organizzazzjonijiet tal-impjegati u l-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem tal-Istati Membri jinħatru mill-Kunsill għal perijodu ta' erba' snin.
2. Permezz tad-Deċiżjoni tiegħu tad-9 ta' April 2019¹, il-Kunsill ħatar il-membri u l-membri supplenti tal-Bord tat-Tmexxija tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol. Madankollu, għad iridu jinħatru ċerti membri u membri supplenti fi stadju aktar tard.
3. Is-Segretarjat tal-Kunsill irċieva diversi nomini għal membri u membri supplenti għal Franza u l-Ungerija, kif jinsabu fl-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill fid-dok. 10314/19².

¹ ĠU C 135, 11.4.2019, p. 1.

² Test iffinalizzat mill-Ġuristi-Lingwisti.

4. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jista' għalhekk jissuġġerixxi li l-Kunsill:
- (a) jadotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Bord tat-Tmexxija tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol, bħala punt "A", u
 - (b) jiddeċiedi li jippubblika d-Deċiżjoni għall-informazzjoni f*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
-